GĦAQDA NAZZJONALI TAL-PENSJONANTI
NATIONAL ASSOCIATION OF PENSIONERS

c/o 62, Triq il-Konti Ruġġieru, Rabat RBT 1450, MALTA
Tel. +356 2145 5239 • Mob. +356 9923 9972
email: naopmalta@gmail.com • V.O. No.: 0255

8 t'April 2024

Onorevoli

Qiegħed nibgħatlek kopja tar-Riżoluzzjoni li ġiet approvata fil-Laqgħa Ġenerali ta' l-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti li ġiet miżmuma fir-Royal British Legion Malta f-111, Triq Melita, Valletta nhar is-Sibt 6 t'April 2024

Dejjem tiegħek

Joseph M. Azzopardi
Segretarju Ġenerali

Lill-President tal-Kumitat Permanenti Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali
✓Lill-President tal-Kumitat Permanenti Parlamentari dwar l-Affarijiet tal-Familja
Lill-President tal-Kumitat Permanenti Parlamentari dwar is-Saħħa; u
Lill-President tal-Kumitat Permanenti Parlamentari dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

Ann. Riżoluzzjoni

GĦAQDA NAZZJONALI TAL-PENSJONANTI
NATIONAL ASSOCIATION OF PENSIONERS

c/o 62, Triq il-Konti Ruġġieru, Rabat RBT 1450, MALTA
Tel. +356 2145 5239 • Mob. +356 9923 9972
email: naopmalta@gmail.com • V.O. No.: 0255

**IR-RIŻOLUZZJONI**
**Laqgħa Ġenerali Annwali 2024**

Din il-Konferenza Ġenerali Annwali tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti, imlaqqgħa llum is-Sibt, 6 ta' April 2024 fis-Sala ta' The Royal British Legion, 111 Triq Melita, Valletta Malta, wara li semgħet id-diskors tal-President u r-Rapport Amministrattiv u dak Finanzjarju, tirrisolvi li:

1. GĦANDHOM JIĠU RIŻOLTI U FINALIZZATI b'mod sodisfaċenti kemm il-kwistjoni antika tal-Pensjoni tas-Servizz, kif ukoll id-diskriminazzjoni maħluqa fil-liġi fejn il-pensjonanti ġew maqsuma f'żewġ kategoriji – dawk li twieldu sal-31 ta' Diċembru 1961 u dawk li twieldu wara.

   Filwaqt li l-problema tal-Pensjoni tas-Servizz għadha akuta minħabba l-pass kajman li bih qed tiġi indirizzata kull sena, it-tħabbira fil-Baġit ta' din is-sena li d-diskriminazzjoni fil-qasma bejn il-pensjonanti se tiġi ttrattata minnufih intlaqgħet tajjeb. Huwa għalhekk inkuraġġanti li b'seħħ minn din is-sena ż-żieda taż-żewġ kategoriji ta' pensjonanti se tibda tinħadem bl-istess kalkoli u bħala riżultat id-Dħul Massimu Pensjonabbli se jibda jogħla bl-istess ammont għaż-żewġ kategoriji.

   Peress li ġie mħabbar ukoll li d-differenza bejn iż-żewġ kategoriji tkun qed tingħalaq għalkollox fuq medda qasira ta' snin, l-Għaqda tissuġġerixxi li din id-differenza tingħalaq fl-aqsar żmien possibbli, b'mod li l-pensjoni ta' persuni li għalqu il-75 sena tingħalaq fi żmien tliet snin, filwaqt li ta' dawk li għalqu t-tmenin sena tingħalaq immedjatament.

2. IKUN ASSIGURAT li l-Pensjoni Minima Nazzjonali tkompli tiżdied għal-livelli fejn speċjalment persuni 'l fuq minn 65 sena ma jibqgħux f'riskju ta' faqar;

3. IKUN ASSIGURAT li l-anzjani jkollhom kura tas-saħħa ta' kwalità, fil-ħin u li tkun affordabbli;

4. TKUN ASSIGURATA l-parteċipazzjoni tal-anzjani li ma tistax tkun indirizzata mingħajr ma' dawn ikollhom aċċessibilità faċli għal kullimkien, inkluż għas-servizzi inġenerali, u b'mod partikolari anki meta jkunu qed jużaw l-bankini;

5. IKUN ASSIGURAT li titkompla tittieħed azzjoni sabiex l-anzjani jsiru aktar familjari fl-użu tal-kompjuters;

6. IKUN ASSIGURAT li jkompli jingħata u jiġi estiż skont fuq biljetti tad-dħul għall-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;



AFFILIATION:
National Council for the Elderly • Alliance of Pensioners' Organizations • AGE Platform Europe • Anti-Poverty Forum • Malta Health Network

7. IKUN ASSIGURAT li jkun hemm konsultazzjoni wiesa' minn qabel dwar dawk id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Bank li jkunu se jaffettwaw b'xi mod lill-anzjani u lill-pensjonanti;

8. IKUN ASSIGURAT li qed issir pubbliċità biżżejjed għas-servizzi offruti mill-Gvern għall-anzjani billi jsir aktar investiment u jiġu allokati iżjed riżorsi;

9. IKUN ASSIGURAT li jkompli jsir sforz biex tkun eliminata d-diskriminazzjoni minħabba l-età, b'mod partikulari, iżda mhux biss, meta anzjan jiddeċiedi li jerġa' jibda jaħdem;

10. IKUN IKKUKUNSIDRAT li l-pensjonanti rikoverati f'istituzzjonijiet tal-Gvern għandhom jirċievu l-istess konċessjonijiet ta' taxxa u konċessjonijiet oħrajn, li huma applikabbli għal dawk rikoverati f'istituzzjonijiet privati;

TAQBEL li kopja ta' din ir-Riżoluzzjoni tintbagħat:

lill-E.T. il-President tar-Repubblika,
lill-Onor. Prim Ministru,
lill-Ispeaker, Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta,
lill-Onor. Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Id-Djalogu Soċjali u Il-Protezzjoni tal-Konsumatur
lill-Onor. Ministru tal-Finanzi u Xogħol,
lill-Onor. Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-tfal,
Lill-Onor Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat,
lill-Onor. Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva,
lill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni,
lill-Kelliem tal-Oppożizzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali
lill-Presidenti tal-Kumitati Permanenti Parlamentari
dwar l-Affarijiet Soċjali,
dwar il-Familja,
dwar is-Saħħa, u
dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji,
lill-Onor. Membri Parlamentari Ewropej Maltin,
lill-Kummissarju għall-Anzjani,
lill-Kummissarju għas-Saħħa,
lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani,
lill-Alleanza ta' Organizzazzjonijiet ta' Pensjonanti,
lill-President Malta Health Network,
lill-President Anti-Poverty Forum, Malta,
lis-Segretarju tas-Sottokumitat tas-Soċjetà Ċivili tal-MCESD,
lill-Edituri tal-ġurnali u lill-Inkarigati mill-mezzi tax-xandir lokali.

Fft. Charles Micallef
President

Fft. Joseph M. Azzopardi
Segretarju Ġenerali
6 ta' April 2024